MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2014

Talba Numru. 652/2014

**GO plc (C22334)**

**Vs**

**Joseph Calleja (ID 401747M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-Socjeta' attrici ppremmettiet illi l-konvenut ghandu jhallas lis-Socjeta' attrici s-somma ta' erba' mija sebgha u disghin ewro u seba' centezmi (€497.07c), in konnessjoni ma' Impressive 55 Channels Offer bundled service agreement (AC40087586).

Illi nterpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas, il-konvenut baqa' 'nadempjenti u ghalhekk kellha 'ssir din il-kawza kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-Subizzjoni.

Bl-ispejjez u drittijiet u bl-imghaxijiet legali sa mid-data tal-prezentata ta' din il-kawza.

Dokumenti Mehmuza:

Dok A – Prospett

Dok B – Kuntratti

Dok C – Estratt Registru Elettorali

Ra mill-atti illi l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu nhar it-18 ta' Novembru, 2014 mill-Avukat Dr Keith Grech u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova l-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-Socjeta' attrici fl-ammont ta' erba' mija sebgha u disghin ewro u seba' centezmi (€497.07c), u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali u dan skont kif mitluba fl-Avviz tat-talba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------